

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2021 – Power Horse Energy Drinks vs EUIPO – Robot Energy Europe (UNSTOPPABLE)**(Kawża T-3/21) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea UNSTOPPABLE – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] – Assenza ta' karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament 2017/1001]”]

(2021/C 481/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Power Horse Energy Drinks GmbH (Linz, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Woller, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Markakis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Robot Energy Europe (Mijas, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ottubru 2020 (Każ R 232/2020-2) dwar proċedura għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Power Horse Energy Drinks u Robot Energy Europe.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Power Horse Energy Drinks GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 62, 22.2.2021.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2021 – TB v ENISA**

(Kawża T-511/21)

(2021/C 481/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: TB (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, avukati)

Konvenut: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni meħuda mill-ENISA sabiex iġġedded il-kuntratt tax-xogħol tar-rikorreni, sa fejn din tassenja lir-rikorreni għal pożizzjoni b'funzjonijiet mhux maniġerjali, b'din id-deċiżjoni tiġi fformalizzata permezz tal-verżjoni ffirmata tad-dokument mibgħuta mill-ENISA fit-13 ta' Ottubru 2020 u ippreżentata bħala emenda tal-kuntratt tagħha u bil-firma ta' tali dokument kemm mir-rikorreni kif ukoll mill-ENISA fis-26 ta' Ottubru 2020;
- sa fejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-12 ta' Mejju 2021, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorreni taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal kontra d-deċiżjoni ta' tiġdid;